# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 185

KAZ NRU 263

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Tessie Barbara
u
Dreamland Bedding Co Ltd
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 17 ta' Ottubru, 1984

CHAIRMAN: Anth J Bartolo MIEEE, TEng, FIElecIE, MBIM, MIIM, MIM.

1. INTRODUZZJONI

(1) Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar is-6 ta' Mejju, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

(2) It-Tribunal ghajjat zewg seduti, L-ewwel seduta nzammet nhar l-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 1984, li ghaliha deher ir-rapprezentant tal-Kumpanija, is-Sur Mario Pisani, assistit mil-Konsulent Industrijali, is-Sur Alfred Mallia Milanes. L-Appellant is-Sinjorina Tessie Barbara, ma dehrertx langas wara li l-Marixxal tal-Qorti ghajtilha tliet darbiet.

(3) Ic-Chairman tat-Tribunal aggorna s-seduta ghal nhar l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 1984 fis-2.30 p.m. u nkariga lis-Segretarju tat-Tribunal Industrijali li jibghat ittra registrata lill-Appellant, is-Sinjorina Tessie Barbara, fejn javsa bid-data tas-seduta li jmiss u jghidilha li f'din is-seduta tkun trid taghti spjegazzjoni ghaliex ma attendietx ghas-seduta tat-3 ta' Ottubru, 1984.

(4) Ic-Chairman tat-Tribunal Industrijali nkariga lis-Segretarju ta' l-istess Tribunal biex fl-istess ittra jgharraf lill-Appellant, is-Sinjorina Tessie Barbara, li jekk hi (is-Sinjorina Barbara) terga tonqos li tidher (tattendi) ghas-seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 1984, it-Tribunal Industrijali jikkonsidra li l-Appellant, is-Sinjorina Tessie Barbara, tkun abbandunat il-kaz taghha (tas-Sinjorina Tessie Barbara) u ghalhekk is-Sinjorina Tessie Barbara ma jkollha l-ebda dritt li terga tqajjem dan il-kaz.

(5) Is-Segretarju tat-Tribunal Industrijali baghat l-ittra msemmija. Din iggib id-data ta' l-4 ta' Ottubru, 1984.

(6) Wara li ghaddew xi ghaxar minuti wara l-hin appuntat ghas-smiegh tal-kaz nhar l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 1984, ic-Chairman tat-Tribunal Industrijali, fil-prezenza tar-rappresentant tal-Kumpanija, is-Sur Mario Pisani, li kien assistit mill-Konsulent Industrijali, is-Sur Alfred Mallia Milanes, ordna lill-Marixxal tal-Qorti biex isejjah lill-Appellant, is-Sinjorina Tessie Barbara, ghal tliet darbiet u wara li sar maghruf ufficcjalment li l-Appellant regghet ma deheritx, it-Tribunal Industrijali ta d-decizjoni tieghu li tidher hawn taht.

2. DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ha konjizzjoni tal-fatti li graw bejn it-3 ta' Ottubru, 1984 u l-10 ta' Ottubru, 1984, kif huma spjegati f'sub-artikoli (2) sa (6) hawn fuq, it-Tribunal Industrijali ddecida li jikkonsidra li l-Appellant, is-Sinjorina Tessie Barbara, abbandunat il-kaz taghha u ghaldaqstant ma ghandha l-ebda dritt li terga tqajjem dan il-kaz.

B'din id-decizzjoni, it-Tribunal Industrijali temm dan il-kaz.

ANTHONY J BARTOLO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 17 ta' Ottubru, 1984

ja